**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Sanita`**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Albert k/a Robby Borg**

**Omissis**

Illum 19 ta' Lulju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Albert k/a Robby Borg detentur tal-karta ta` l-identita numru 838147M, **għan-nom ta'** Palm Court Ltd; British Jet Ltd u Bargain Holidays Ltd., u Omissis talli-

Fis-17 ta' Awwissu 2007 fil-11:00am u fil-ġranet ta' qabel u ta' wara ġo Palm Court Hotel, Triq it-Tamar, Qawra, San Pawl il-Baħar:-

1. Naqas li jassigura li jiġi ddentifikat kull stadju fl-attivitajiet tan-negozju tiegħu fl-ikel li jkun kritiku sabiex tkun żgurata s-sigurezza tal-ikel kif ukoll naqas li jassigura li jiġu ddentifikati proċeduri adegwati ta' sigurezza, implimentati, miżmuma u riveduti abbażi tal-prinċipji li ġejjin użati biex jiżvilupppaw sistema ta' analisi dwar Periklu Kritiċi ta' Kontroll (HACCP);
2. Naqas milli żamm il-post tal-ikel nadif u f'kondizzjoni tajba ta' tiswija;
3. Naqas milli jżomm il-firxa, disinn, kostruzzjoni u daqs tal-post tal-ikel b'mod li jiffaċilitaw u jippermettu l-implimentazzjonijiet ta' iġene tajba f'kull prattika tal-ikel sabiex tiġi żgurata l-iġene fl-ikel kif ukoll naqas li jipprovdi, meta jkun meħtieġ, kondizzjonijiet adatti ta' temperatura għall-ipproċessar u ħżin iġeniku tal-istess prodotti tal-ikel;

4. Naqas li jipprovdi fil-post tal-ikel tidwil naturali jew artifiċjali għas-sodisfazzjon tal-Awtorità tas-Saħħa;
5. Naqas li jipprovdi proċeduri lesti u adegwati sabiex jiżguraw li l-preżenza ta' *pests* fil-post tal-ikel tkun ipprevenuta u kkontrollatha għas-sodisfazzjoni tal-Awtorità tas-Saħħa;
6. Naqas li jqiegħed kull ikel li jintmess, jinħażen, jiġi ppakjat, esebit u trasportat kontra kull kontaminazzjoni li x'aktarx irrenda dak l-ikel mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem, dannuż għas-saħħa jew kontanimat b'tali mod li ma jkunx raġonevoli li wieħed jippretendi lil dan għandu jiġi kkunsmat f'dak l-istat;
7. Żamm ikel għall-konsum mill-bniedem f'temperaturi li jistgħu jirriżultaw f'riskju ta' saħħa;
8. Naqas li jipprovdi mezzi adattati u suffiċjenti ta' ventilazzjoni naturali jew mekkanika fil-kmamar kollha tal-post tal-ikel għas-sodisfazzjoni tal-Awtorità tas-Saħħa;
9. Naqas li jfassal u jibni l-faċilitajiet tad-drenaġġ b'mod li jiġi evitat ir-riskju ta' kontaminazzjoni;
10. Naqas li jipprovdi sink għall-ħasil ta' tagħmir bi provvista adegwata ta' ilma ġieri kiesaħ u sħun b'temperatura kkontrollata;
11. Biegħ, offra jew inkella kellu fil-pussess tiegħu għall-bejgħ jew għall-preparazzjoni tal-bejgħ għall-konsum mill-bniedem ikel li ma jħarisx il-ħteġijiet ta' sigurtà fl-ikel billi ma kienx tajjeb għall-konsum mill-bniedem;
12. Naqas milli jżomm kull oġġett, apparat u tagħmir li l-ikel jidħol f'kuntatt miegħu nadif kif ukoll naqas li jżomm l-istess tagħmir fi stat, tiswija u kondizzjoni tajba hekk li naqqas kull riskju ta' kontaminazzjoni tal-ikel;
13. Naqas milli jipprovdi fit-twieqi u ftuħ ieħor skrinijiet li jilqgħu għall-insetti u li setgħu jinqalgħu malajr biex jitnaddfu;
14. Naqas li jassigura li dawk kollha li jimmaniġġjaw l-ikel ikollhom superviżjoni u jkunu mgħallma u mħarrġa f'dak li għandu x'jaqsam ma' iġene ta' ikel u skont dak li jkunu jagħmlu fuq ix-xogħol;
15. Naqas li jipprovdi sink maħsub għall-ħasil tal-idejn bi provvista ta' ilma sħun;
16. Żamm il-kumditajiet sanitarji jwasslu direttament f'xi kamra fejn jinħażen, jiġi pproċessat jew jintmess l-ikel għall-konsum mill-bniedem;
17. Intenzjonalment fixkel jew ikkawża tfixkil lil uffiċjali awtorizzati fil-qadi ta' dmirijiethom;
18. Naqas li jżomm fi stat tajjeb ta' tiswija l-katusi tad-drenaġġ tal-fond Palm Court Hotel, Triq it-Tamar. Qawra, San Pawl il-Baħar.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tagħti l-piena, tordna l-esekuzzjoni tal-liġi taħt il-penali li jidhrilha xieraq fin-nuqqas kif ukoll tordna r-rifuzzjoni tal-ispejjeż kollha inkorsi mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat -

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Awissu 2007, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-1 ta' Marzu, 2016.

Illi skond kif kirrizulta mill-atti processwali kienu saru diversi spezzjonijiet ta' rutina gewwa l-Palm Court Hotel li kienu jissuplixxu ikel ghal zewg flights kuljum lil British Jet.com. Fil-kors ta' dawn l-ispezzjonijiet u senjatament f'dawk li saru f'Awissu 2011, kienu gew nutati diversi vjolazzjonijiet tal-Food Safety Act, Kap. 449, Ligijiet ta' Malta u ligijiet ohra li jirrigwardaw is-sahha. Aktar tard id-Dipartiment tas-Sahha kien ircieva informazzjoni mill-Health Protection Agency tar-Renju Unit li persuni li ienu rritornaw minn btala fil-Palm Court Hotel kellhom *food poisoning*, salmonella u E.coli.

Clive Tonna Principal Health Inspector xehed kif fis-17 t'Awissu, 2007, spetturi tas-sahha kienu ghamlu spezzjoni fil-Palm Court Hotel fejn fost il-kcejjen taghha kien hemm kcina li kienet tissuplixxi lil British Jet.com. Qabel ma thallew jkomplu bl-ispezzjoni gew mitluba jimlew formula, Dok. CT,[1] izda hu kien ta struzzjonijiet li kienet il-ligi li taghti lill-ispetturi dak il-poter u ghalhekk ma kellhomx jimlew ebda formula. Tonna mar fuq il-post u tkellem mal-imputat Albert Borg li nfurmah li kien ser jirrekordja l-ispezzjoni b'video u jekk mhux ser jiffirmaw l-formula mhux ser jithallew jaghmlu l-inspection.[2] Kien hawn li kellhom jintervjenu il-Pulizija u dan meta kienu saru xi 13.30 hrs izda kien kollu ghalxejn sakemm wara nofsinhar, ghal xi 15:00 hrs regghu marru l-ispetturi u Borg accetta li formola ma timteliex izda insista li ser jitiehed video recording minkejja l-oggezzjoni tal-ispetturi. Fil-fatt l-ispezzjoni bdiet ghal xi 15:45 hrs u rrizultaw bosta nuqqasijiet li huma elenkati f'dokument CT1 datat 22/08/07.[3] Clive Tonna jikkonferma n-nuqqasijiet kollha elenkati f'Dok, CT1: *"Xhud. Yes, nikkonferma dawn id-deficiencies kollha Sur Magistrat. Qorti: Fil-faccati kollha. Xhud. Iva……"*[4]. Ix-xhud jispejga kif personalment ra u sab ikel kontanimat u infestat b'insetti, b'ikel li suppost jinsab go fridge jinzamm go temperatura ambjentali (dan

---

[1] Fol.6
[2] Fol.61
[3] Fol.7-15 kontenenti zewg rapporti
[4] Fol.62

f'Awissu!), liema ikel gie ssiggilat u maqbud mid-dipartiment kif jixhed Dok. CT2 li hi *"seal and seize form"*.[5] Peress li dakinhar lli ma kienitx saret inspection fl-istores, ghaliex ma kienx hemm l-istore keeper sabiex jiftah, l-ispetturi rritornaw fl-20/08/07. Fil-fatt ir-rapporti kollettivament mmarkati bhala Dok.CT1 jaghmlu riferenza ghaz-zewg spezzjonijiet imsemmija.

Illi fil-21 t'Awissu 2007 id-dipartiment irceva rapport mill-Health Department ta' Scotland li xi persuni li kienu residenti kellhom salmonella u E-Coli 157. Ix-xhud flimkien ma tabib fi hdan id-Disease Surveillance Unit tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika marru *on-site* fil-lukanda minn fejn ittiehdu xi kampjuni li lista taghhom tinsab esebita bhala Dok. CT3.[6] Ix-xhud jixhed li kien ra ammont ta' wirdien mejjet fil-post u hmieg tal-grieden li sahansitra kien anke fis-suffit, u ta dan kien gibed l-attenzjoni tal-management meta saru l-inspections. Ix-xhud ghamel spezzjoni ohra fl-1 t'Ottubru, 2007, meta sab wierden mejjet u hmieg tal-grieden.[7] Ghalkemm ix-xhud jammetti li kien hemm records dwar tindif mill-Pest Control, jghid li madwar il-kcina kien hemm diversi kmamar li kien qed jintefa fihom kull xorta ta' hwejjeg fosthom kartun u ghalhekk galadarba ma kienux qed jinzammu nodfa ma kienx qed issir pest control go fihom. Sa mid-29/08/07 mill-labortorji bdew johorgu r-rizultati tal-kampjuni mehuda li wrew *salmonella* u *basillus serius*. Dan kien ifisser li s-sitwazzjoni kienet aktra serja milli mahsub. Wara li hareg dan ir-rizultat ittiehdu kampjuni ohra u kien hemm l-istess rizultat skoncernanti.[8] Fil-fatt kemm mill-kcina tal-Palm Court Hotel kif ukoll mill-kcina li sservi l-ikel lill British Jet kienu hargu rizultati li kienu mmarkaw posittiv ghal-salmonella.[9] Konferma ta' dan hemm id-Dok. CT6.[10] Kien ittiehed kampjun tal-ilma li ukoll rrizulta hazin - Dok. CT7[11]; dan ir-rizultat kien gie attribwit ghall-fatt li l-ilma kien qed jigi f'kuntatt ma l-ikel.[12] Dok. CT8[13] kienu kampjuni li ttiehdu mill-ispettur John Scerri li kien instab fihom <u>E.coli, Basillus u salmonella</u>. Dok. CT9[14] ukoll juri grupp ta' rizultati posittivi ghal salmonella.

Illi Tonna jixhed dwar diversi nuqqasijiet li assista ghalihom: food handling practices ma kienux skond il-ligi, igene kienet nieqsa, ikel ma kienx jigi ssigilat sew, kien jiddahhal fil-fidges shun u b'hekk titbaxxa t-temperatura tal-fridges, ma kienx maghruf kemm kien ilu fi freezer l-ikel, cold rooms b'temperatura gholja (ez. Coldroom nru.4 kellha temperatura ta' 15 Celsius meta din suppost tinzamm

---

[5] Fol.16
[6] Fol.44
[7] Fol.64
[8] Fol.66
[9] Kampjuni ittiehdu fil-21, 28, 30 t'Awissu,2007 u fis-7 ta' Settembru.
[10] Fol.46
[11] Fol.48
[12] Fol.70
[13] Fol.49
[14] Fol.50

5-8 degrees) u ghalhekk ikel li suppost kien iffrizat ma kienx qed jinzamm iffrizat.[15] Jixhed li lanqas ma kienet tinzam HACCP system, jew records dwar *traceability* tal-ikel, records dwar *production date* tal-ikel kienu mankati filwaqt li l-*colour coding* tal-ikel ma kienx issir.[16] In kontro-ezami jixhed kif l-*insect screens* kienu miksija bil-hmieg u mqattajn. Ix-xhud jghid li fil-butchery section suppost jitqatta l-laham izda nstab li kienu qed jigu preparati sandwiches f'dik l-area. Kien widdeb lill-management sabiex dik l-area tintuza biss sabiex laham jigi *thawed,* izda fil-gurnata ta' qabel sab seba dixxijiet tiggieg msajjar qed jigu *thawed* (imputazzjoni nru.3). Dwar imputazzjoni numru 4 (imputazzjoni nru.4) ix-xhud jaghti rendikont tad-dawl li kien hemm u ghalhekk dak li kellu jizdied.[17] Fl-ahhar nett ix-xhud Tonna jidikjara li il-post kien jinhtieg *sanitization* shiha ghax kien hemm *cross-contamination* mill-affarijiet u mill-*handling* tal-istaff. Kien ghalhekk li l-post suppost ikun mifrux ahjar.

L-Ispettur tas-Sahha Jason Mifsud xehed dwar l-ispezzjoni li sehhet fis-17 t'Awissu, 2007, meta hu flimkien mal-kollega John Scerri kienu gew impeduti milli jaghmlu l-inspection, hekk kif xehed diga Clive Tonna. Jghid li l-ispezzjoni sehhet tard wara nofsinhar fil-presenza ta' PC698. Sabiex jittiehdu temperaturi tal-ikel kien intuza *printing probe* li kien kalibrat u hemmhekk bdew jigbru dawk l-oggetti tal-ikel li kellhom temperatura hazina u jissilligawhom fejn ikkonferma il-lista f'Dok. CT2. Hadd mill-management ma ried jiffirma l-islips generati mill-printing probe. Dawn l-islips gew esebiti minn John Scerri bhala Dok CT10-16[18]. Mifsud jikkonferma li kien instab hafna ikel *physically contaminated*, iehor b'xi *pests*, ikel li suppost jinzamm go fridge kien mizmum f'temperatura ambjentali, u fil-kurridur kien hemm hmieg ta' grieden.[19] Jixhed kif fil-21 t'Awissu, 2007, marru jinvestigaw kaz ta' E-Coli 0157 u salmonella fejn ittiehdu ghal kampjuni tal-ikel fejn kien hemm rizultat mhux soddisfacenti, tuna sandwich, cheese sandwich, chicken curry meal, breakfast sausage kienu fost l-ikel li irrizultaw positive ghal salmonella, Dok. JM1-JM4.[20] Il-kitchen sink, Dok. JM5,[21] rrizulta kellhu l-micro biological quality inaccettabli u fejn possibilment kien kontaminat ukoll minn *faecal material*.[22] Ikkonferma li kienet saret spezzjoni ohra gurnata qabel izda minhabba l-ammont kbir ta' xoghlijiet li kellhom issiru hafna min dak mistenni ma sarx. Hmieg fis-suffitti minn *rodents* gie kkonstat mix-xhud, kif l-istess jinghad ghall-kmamar bl-imbarazz, kegs kienu ghadhom ma tnehhewx minn zoni li mhux suppost kienu utilzati ghalhekk, kurruduri kienu ghadhom bi problem t'umdita`u

[15] Fol.67
[16] Fol.68
[17] Fol.72-73
[18] Fol.88 u Fol. 52 li jirreferi ghal CT2
[19] Fo.81
[20] Fol.39-42
[21] Fol.43
[22] Fol.82

fil-*wash up area* kienet bi zlieq esagerat, il-*grease trap* dizastru u pipes bi riha tinten hierga minnhom.[23] *Food handlers* ma kellhomx l-uzanza li jahslu idejjhom u ma bdewx ibiddlu ingwanti. *Segregation* lanqas kien hemm u lanqas *sanitization* fuq il-*worktops*.[24]

John Scerri, Health Inspector iehor, ukoll jikkonferma dak li xehedu dwaru Tonna u Mifsud, u jghid li kien anke ittiehed kampjun tar-*rat droppings*. Jixhed kif flimkien ma Dr Gatt kienu marru jinvestigaw kaz ta salmonella u E.coli fil-21 t'Awissu ,2007, fejn wara li kienu ittiehdu kampjuni u hargu hziena, fit-30 t'Awissu, 2007, l-istess xhud kien rega ha kampjuni ohra (NRJS38/07 u NRJS07) li minnhom regghu rrizultaw fil-posittiv ghal E.coli, salmonella, e.coli basillus (Dok.JS1-5).[25] *Repeat samples* regghu itteihdu mill-Palm Court Hotel fis-7 ta' Settembru, 2007 (JS63-JS87) li minnhom hareg li kienu kollha bil-salmonella u ghalhekk unfit for human consumption.[26] Dawn ir-rizultati huma mmarkati u esebiti bhala Dok.JSA1-5.[27] Ittiehdu ukoll temperaturi ta' xi oggetti tal-ikel (JSA7-JSA13) wara li kien gie rimarkat li l-mod kif kien qed jigi storjat l-ikel, kif kien qed jitkessah u t-temperaturi tal-*cold rooms* ma kienux regolari. Il-mananger Victor Spiteri kien minn jeddu rema ikel suspettuz u lista tal-ikel mormi hi Dok. JSA14.[28] Ix-xhud ukoll jaghti rendikont ta' dak li sab fl-1 t'Ottubru, 2007, f' *follow up inspection* fejn ghalkemm kienu saru xi xoghlijiet, kien ghad fadal hafna nuqqasijiet li kienu baqaw ma gewx indirizzati.[29] Il-*grease trap* kienet mgharrqa m'ghola pied fid-drenagg.[30]

Dr Anthony Gatt impjegat mad-dipartiment tas-sahha xehed kif bejn is-16 t'Awissu u it-22 t'Awissu, 2007, kien irceva emails mill-Health Protection Agency tal-Iskozja fejn l-awtoritajiet Maltin gew infurmati b'kazijiet ta E.Coli 0157 fir-rigward ta' tifel, Michael Roberston, li kien residenti il-Palm Court bejn il-31 ta' Lulju u s-7 t'Awissu 2007. Il-kommunikazzjoni kollha rigward dan il-kaz hija esebita bhala Dok. G-G4.[31] Fl-20 t'Awissu, 2007, gew infurmati b'kaz iehor dwar Carol Mc Kerrel li kienet fl-istess lukanda fl-istess perjodu (31/07/07-07/08/07). Fiz-zewg kazjiet il-pazjenti irrziultaw li kellhom E.coli 0157 li skond ix-xhud jista' jigi minn *cross-contamination* tal-ikel, minn ikel li jkun thalla mhux f'temperatura adatta, minn nuqqas ta igene. Il-fatt li l-*straines* fiz-zewg kazijiet kienu l-istess jindika li s-sors hu l-istess. Irrizulta li r-ragel ta' Carol McKerrel, li kien fuq l-istess

---

23 Fol.83-84
24 Fol.84-85
25 Fol.32-36
26 Fol.89
27 Fol.21-26
28 Fol.29
29 Fol.91
30 Fol. 91-2.
31 Fol.200-212

btala ma martu, kien instab li kellhu *strain* tas-salmonella.[32] Dr Gatt jixhed kif anke hu kien mar fuq il-post u kkonstata diversi nuqqasijiet *inter alia* temperaturi tal-cold room kien gholjin, kif gja inghad minn xhieda ohra, ikel mholli mikxuf, l-art tal-cold room kienet imdellka ezagerat, zebgha taqa, madum mhux f'postu u frozen food li kienu qed jinzam f'temperaturi gholjin. Ittiehdu kampjuni ta' ikel, surface swabs u kampjuni tal-ilma. Ikkonferma id-dokumenti JSA1-4[33] li taw rizultat li l-ikel hemm deskritt kien kontamminat; fejn kien hareg li kien fih E.coli u salmonella.[34] Dr Gatt ikkonferma ukoll ir-rizultati JS1-5[35] fejn hareg li kien hemm kontaminazzjoni.

Albert Gambin, Principal Scientiifc Officer inkarigat mill-Malta Biology laboratory xehed diversi drabi fit-8, 10 u 12 t'Ottubru, 2007. Gambin jikkonferma r-rizultanzi li gja saret riferenza ghalihom fejn instabet kontaminazzjoni u fejn irrizulta l-E.coli (JM5), E.coli kif ukoll salmonella (JM1-JM4)[36] u JS1-JS5.

Il-Food and Beverage Manager tal-Palm Court, Mario Lapira, jixhed dwar dak li sehh meta saret spezzjoni fis-27 t'Awissu, 2003. Il-Qorti tirrimarka li mill-atti jirrizulta li l-ispezzjoni sehhet fis-17 t'Awissu (ohra sehhet fl-20 t'Awissu, u fis-7 ta' Settembru tal-2007!). In kontro-ezami jammetti li x-xoghol li kien jiddahhal minn suppliers kien jintefa f'din l-freezer *"mechanically hija freezer…Kienu jidhlu fiha ehe."*[37] Dan ifisser li xoghol tal-friza li suppost jinzamm iffrizat kien qed jitpogga go equipment li ma kienx qed ikkesah kif suppost isir go freezer; tant hu hekk li b'ammissjoni tieghu Lapira jghid li pjuttost kienet tintuza bhala fridge.

Mill-provi prodotti l-Qorti tqis li kien ferm providenzjali li dawn l-infrazzjonijiet ma hallewx konsegwenzi ferm aghar li setghu tefghu dell mill-aktar ikreh fuq is-settur tal-lukandi u sahansitra fuq l-industrija turistika Maltija. Jifdal li jigi ppruvat li l-imputat kien risponsabbli ghat-tmexxija tal-Palm Court Hotel sabiex iwiegeb ghal dawn l-infrazzjonijiet serjissimi.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:
*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

[32] Fol.180
[33] Fol.22-25
[34] Fol183-184
[35] Fol.32-36
[36] Fol.193-194
[37] Fol.335

Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront tal-imputat Albert k/a Robby Borg, jirrizulta illi hu gie akkuzat "Ghan-nom ta' Palm Court Limited; British Jet Limited u Bargian Holidays Limited." L-istess jinghad ghal Omissis li fil-konfront tieghu kien hemm is-separazzjoni tal-gudizzju fl-10 ta' Marzu, 2016, li kien gie akkuzat ghan-nom ta' socjeta` kummercjali ohra.

Ma hemm l-ebda dubbju dwar l-identita` tal-imputat. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat jew reati li jinsab akkuzat bihom fl-imsemmija tahrika. Jirrizulta izda illi dawn ir-reati gew addebitati lilu bhala rapprezentanti ta' korp guridiku billi ma kienx hu fizikament li allegatament wassal ghall-vjolazzjonijiet mertu ta' dawn il-proceduri. Fis-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et"** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet:[38]

"Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici [26.5.1995]:-

"*Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu.*"

**Izda**:

"*….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment,* ***fl-imputazzjoni jew fl-akkuza*** *— mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—****ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi***

[38] Onor. Imhallef Dr Edwina GRima, 19.11.2015, Appell Krim Nru.463/2012

***imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu****. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[39]"

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilta` vikarja tal-imputat ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, jibqa ghalhekk biex jigi determinat jekk giex ippruvat jekk, fil-vesti tieghu kif indikat fl-akkuza, hu jistax jinzamm responsabbli ghan-nuqqasijiet imputat lilu.

Illi ma jistax jinghad izda illi hemm provi sufficjenti in atti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi hemm xi ness bejn il-Palm Court Limited, il-British Jet Limited, il-Bargian Holidays Limited jew uhud minnhom u n-nuqqasijiet skontrati fil-Palm Court Hotel. Dan ghaliex ma hemm xejn x'jindika li xi wahda minn dawn il-kumpaniji kienet il-*licensee* tal-Palm Court Hotel. Minn imkien ma jirrizulta li l-Palm Court Hotel kienet tappartjeni lil xi wahda mill-kumpaniji imsemmija, jew li xi wahda minnhom kellha il-gestjoni taghha. Ghalkemm gew prezentati diversi *Memorandum & Articles of Association* inkluz dak tal-Palm Court Limited fejn Albert Borg certament ghandu rwol ta' rapprezentanza tal-istess socjeta`, prova li Palm Court Hotel hi gestita minn, tappartjeni jew hi licenzjata lil Palm Court Limited, ma saritx.

Il-grad tal-prova milhuqa mill-prosekuzzjoni allura ma huwiex sufficjenti fil-kamp penali biex twassal ghal kundanna ta' l-imputat billi ma jirrizultax b'mod car u inekwivoku li xi socjeta` li qed jidher ghan-nom taghha kienet responsabbli ghal akkuzi migjuba.

In vista tal-fatt li l-provi sfortunatament huma mankanti u proceduralment difettuzi, din il-Qorti ma tistax ghajr tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**

[39] Appell Inferjuri: Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006